IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.10.2018
COM(2018) 491 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

RAPPORT ANNWALI 2017
DWAR IR-RELAZZJONIJIET BEJN IL-KUMMISSJONI EWROPEA U L-PARLAMENTI NAZZJONALI

RAPPORT ANNWALI 2017
DWAR IR-RELAZZJONIJIET BEJN IL-KUMMISSJONI EWROPEA U L-PARLAMENTI NAZZJONALI

1. INTRODUZZJONI

Fl-2017, ir-relazzjonijiet bejn il-parlamenti nazzjonali u l-Kummissjoni komplew ikunu intensivi u produttivi, kemm f'dak li għandu x'jaqsam maż-żjarat u l-laqgħat bejn il-membri tal-Kummissjoni u l-membri tal-parlamenti nazzjonali, kif ukoll f'dak li jirrigwarda l-għadd ta' opinjonijiet tal-parlamenti nazzjonali li waslu skont il-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà jew "id-djalogu politiku".

Il-parlamenti nazzjonali ħadu sehem attiv fid-dibattitu dwar il-ġejjieni tal-Ewropa, li tnieda bil-White Paper tal-Kummissjoni f'Marzu 2017 u fil-ħames dokumenti ta' riflessjoni li segwewha, li dwarhom il-Kummissjoni kienet irċeviet 23 opinjoni sa tmiem l-2017. Fost il-politiki li wasslu għall-ogħla għadd ta' opinjonijiet mill-parlamenti nazzjonali nsibu l-Unjoni tal-Enerġija, il-mobilità bit-trasport bit-triq, u s-servizzi pubbliċi. Is-sigurtà, il-migrazzjoni u l-ażil komplew ikunu suġġetti importanti għad-dibattiti u l-opinjonijiet parlamentari, iżda daqstant ieħor kienu importanti s-suq intern u l-affarijiet soċjali. Il-kwistjoni tal-Brexit kienet is-suġġett ta' opinjoni konġunta mill-Istati Visegrad u 16-il opinjoni tal-House of Lords.

Ir-rwol ferm importanti tal-parlamenti nazzjonali, li diġà kien inkluż fil-prijorità Nru 10 ta' din il-Kummissjoni, dwar it-Tibdil Demokratiku, kompla jiġi ssottolinjat mill-President Juncker fid-diskors tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni f'Settembru 2017, li fih irrifera għar-rwol tagħhom biex jintensifikaw il-ħidma fuq il-ġejjieni tal-Ewropa u ħabbar li se jżomm kemm lilhom kif ukoll lill-parlamenti reġjonali informati bis-sħiħ mill-bidu dwar in-negozjati għal ftehimiet kummerċjali. Barra minn hekk, il-parlamenti reġjonali b'setgħat leġiżlattivi qed ikomplu jkunu involuti fil-kontroll tas-sussidjarjetà u fid-dibattitu ta' kwistjonijiet politiċi u istituzzjonali rilevanti għalihom.

Li jiġu proposti modi biex il-Parlamenti nazzjonali u l-awtoritajiet reġjonali u lokali fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni kien ukoll wieħed mill-objettivi ewlenin tat-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u "Isir Inqas b'Iktar Effiċjenza" li l-President Juncker waqqaf f'Novembru 2017 u li, presedut mill-ewwel Viċi President, issottometta r-rapport tiegħu lill-Kummissjoni fl-10 ta' Lulju 2018[1].

Dan ir-rapport jiffoka fuq id-djalogu politiku tal-Kummissjoni mal-parlamenti nazzjonali, li nbeda fl-2006. Il-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà, li jagħti lill-Parlamenti nazzjonali d-dritt li jivvalutaw jekk proposti leġiżlattivi f'oqsma li ma jaqgħux taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni Ewropea jikkonformawx mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, huwa indirizzat fir-Rapport Annwali tal-2017 dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità[2]. Dak ir-rapport, li qed jiġi ppubblikat b'mod parallel, għandu jitqies bħala komplementari għal dan ir-rapport.

2. DJALOGU POLITIKU MAL-PARLAMENTI NAZZJONALI

a. Osservazzjonijiet ġenerali fuq l-opinjonijiet bil-miktub

Fl-2017, il-parlamenti nazzjonali indirizzaw 576 opinjoni (inklużi 52 opinjoni motivata) lill-Kummissjoni. Dan kien 7 % inqas mill-2016, meta l-Parlamenti nazzjonali ħarġu 620 opinjoni. L-għadd ta' opinjonijiet motivati ppreżentati fl-2017 (52) kien 20 % inqas mill-2016 (65

[1] https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/report-task-force-subsidiarity-proportionality-doing-less-more-efficiently_1.pdf

[2] COM(2018) 490.

opinjoni motivata), iżda l-perċentwal tagħhom baqa' simili (9 sa 10.5 % tal-għadd totali ta' opinjonijiet).



b. Il-parteċipazzjoni u l-ambitu

Bħal fis-snin preċedenti, l-għadd ta' opinjonijiet mibgħuta lill-Kummissjoni kien ivajra sostanzjalment bejn il-parlamenti nazzjonali. L-10 kmamar l-aktar attivi ħarġu kważi 74 % tal-opinjonijiet (jiġifieri 424 opinjoni), li huwa perċentwal simili ħafna għal dak osservat preċedentement (2016: 73 %, 2015: 70 %).

Il-kamra li l-aktar ħarġet opinjonijiet fl-2017 kienet l-*Assembleia da República* Portugiża. L-64 opinjoni tagħha kienu jirrappreżentaw 11 % tal-għadd totali ta' opinjonijiet irċevuti. Il-parlamenti nazzjonali jew kmamar nazzjonali l-oħrajn li l-aktar li bagħtu opinjonijiet fl-2016 kienu wkoll l-aktar attivi fl-2017: is-*Senato della Repubblica* Taljan (56 opinjoni); is-*Senát* Ċek (53 opinjoni), il-*Camera dei Deputati* Taljana (45 opinjoni), il-*Bundesrat* Ġermaniż (43 opinjoni), il-*Camera Deputaților* Rumena (41 opinjoni), il-*Cortes Generales* Spanjoli (38 opinjoni)[3], is-*Senat* Rumen (33 opinjoni), is-*Sénat* Franċiż (29 opinjoni) u l-House of Lords tar-Renju Unit (22 opinjoni). Għal informazzjoni ddettaljata, ara l-Anness 1.

c. Is-suġġetti ewlenin tal-opinjonijiet fid-djalogu politiku

Il-pakketti leġiżlattivi li ġejjin, kif ukoll is-sensiela ta' dokumenti ta' riflessjoni li segwew il-White Paper dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa, kienu fost dawk li l-aktar ġibdu attenzjoni mill-parlamenti nazzjonali (għal aktar dettalji ara l-Anness 2):

- il-White Paper dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa u d-dokumenti ta' riflessjoni[4] 23 opinjoni;
- il-pakkett tal-"Enerġija Nadifa għal Kulħadd"[5] — 62 opinjoni dwar elementi differenti tal-pakkett;
- il-pakkett dwar is-servizzi[6] — 22 opinjoni; u
- il-pakkett dwar il-mobilità "Europe on the Move"[7] — 21 opinjoni.

---

[3] Magħdudin bħala 38 opinjoni konġunta miż-żewġt ikmamar.

[4] COM(2017) 2025 final tal-1 ta' Marzu 2017 u COM(2017) 206 tas-26 ta' April 2017; COM(2017) 240 tal-10 ta' Mejju 2017; COM(2017) 291 tal-31 ta' Mejju 2017; COM(2017) 315 tas-7 ta' Ġunju 2017; COM(2017) 358 tat-28 ta' Ġunju 2017.

[5] COM(2016) 759,761,763,765 u 767 u COM(2016) 861,862,863 u 864 tat-30 ta' Novembru 2016.

[6] COM(2016) 820, 821, 822, 823 u 824 tal-10 ta' Jannar 2017.

[7] COM(2016) 275, 276, 277, 278, 279, 280, 281 u 282 tal-31 ta' Mejju 2017.

- *White Paper dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa u d-dokumenti ta' riflessjoni*

Fl-1 ta' Marzu 2017, il-Kummissjoni adottat White Paper dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa[8], li ppreżentat firxa ta' ħames xenarji differenti dwar kif l-Unjoni Ewropea ta' 27 tista' tevolvi sal-2025 u li kellha l-għan li tvara proċess ta' riflessjoni, dibattitu u deċiżjoni dwar il-ġejjieni tal-Unjoni. Il-White Paper kienet komplementata minn ħames dokumenti ta' riflessjoni dwar kwistjonijiet speċifiċi:

- id-dokument ta' riflessjoni dwar id-dimensjoni soċjali tal-Ewropa[9], adottata fis-26 ta' April 2017, jippreżenta għażliet dwar kif id-dimensjoni soċjali tal-Ewropa tista' tiġi żviluppata fil-futur;
- id-dokument ta' riflessjoni dwar l-isfruttar tal-globalizzazzjoni[10], adottat fl-10 ta' Mejju 2017, jeżamina kif l-Unjoni Ewropea tista' tisfrutta l-globalizzazzjoni bl-aħjar mod u tirrispondi għall-opportunitajiet u l-isfidi li toffri;
- id-dokument ta' riflessjoni dwar l-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja[11], adottat fil-31 ta' Mejju 2017, intenzjonat biex jistimola d-dibattitu dwar l-Unjoni Ekonomika u Monetarja u t-tifsila futura tiegħu;
- id-dokument ta' riflessjoni dwar il-ġejjieni tad-difiża Ewropea[12], adottat fis-7 ta' Ġunju 2018, jippreżenta xenarji possibbli għall-ġejjieni tad-difiża Ewropea; u
- id-dokument ta' riflessjoni dwar il-futur tal-finanzi tal-UE[13], adottat fit-28 ta' Ġunju 2018, jippreżenta l-possibiltajiet u l-għażliet ta' riforma, u jippreżenta l-opportunitajiet, ir-riskji u l-kompromessi għall-futur tal-baġit tal-UE.

Fl-2017, tmien parlamenti nazzjonali[14] ppreżentaw total ta' 23 opinjoni dwar il-White Paper u/jew dwar id-Dokumenti ta' Riflessjoni.

Ħames opinjonijiet[15] kienu dwar il-White Paper infisha. B'mod partikolari, enfasizzaw il-ħtieġa għal appoġġ usa' għall-politiki tal-Unjoni min-naħa taċ-ċittadini tagħha, kif ukoll li tinżamm l-unità tal-Unjoni Ewropea u biex tiġi rifjutata Ewropa b'aktar minn veloċità waħda. Xi wħud ifformulaw ideat dwar kif il-parlamenti nazzjonali jistgħu jiġu involuti aktar fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni u l-kontroll tas-sussidjarjetà. Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni spjegat li l-għan tal-White Paper kien fil-fatt li tvara dibattitu wiesgħa maċ-ċittadini, biex tressaq l-Unjoni Ewropea eqreb lejhom, u rreferiet għall-organizzazzjoni tat-taħditiet dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa, u għar-rwol li l-parlamenti nazzjonali kellhom f'dan ir-rigward. Ikkjarifikat ukoll, kif kien diġà ngħad fil-White Paper, li l-punt tat-tluq għal kull xenarju fil-White Paper kien li s-27 Stat Membru jimxu 'l quddiem flimkien bħala Unjoni u li, filwaqt li t-Trattati preżenti diġà jippermettu li jkun hemm bosta forom ta' kooperazzjoni f'raggruppamenti mill-Istati Membri, din il-possibbiltà ma kellhiex tiġi ppreżentata jew tinftiehem bħala xi ħaġa ġdida li timmina l-unità tal-Unjoni.

Ġew ippreżentati żewġ opinjonijiet[16] dwar id-dokument ta' riflessjoni dwar id-dimensjoni soċjali tal-Ewropa: wieħed li jisħaq dwar l-importanza tad-dimensjoni soċjali tal-Unjoni u r-rwol li għandha taqdi biex issaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni, u l-oħra tixħet dubju fuq l-għażla tax-xenarji ppreżentati fid-dokument. Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni enfasizzat li l-

8 COM (2017) 2025.
9 COM (2017) 206.
10 COM (2017) 240.
11 COM (2017) 291.
12 COM (2017) 315.
13 COM (2017) 358.
14 Il-*Bundesrat* Awstrijaka, il-*Poslanecká sněmovna* Ċeka , is-*Senát* Ċek , il-*Hrvatski Sabor* Kroat, is-*Senato Della Repubblica* Taljan, il-*Camera Deputaţilor* Rumena, is-*Senat* Rumen, ir-*Riksdag* Żvediż.
15 Il-*Bundesrat* Awstrijak , is-*Senát* Ċek , il-*Hrvatski Sabor* Kroat, il-*Camera Deputaţilor* Rumena, ir-*Riksdag* Żvediż
16 Is-*Senát* Ċek , il-*Camera Deputaţilor* Rumena.

"Ewropa Soċjali" u l-investimenti soċjali kienu prijorità fl-aġenda tagħha, u spjegat li x-xenarji possibbli ppreżentati fid-dokument ma kinux maħsuba biex jillimitaw id-dibattitu, iżda sempliċiment kellhom l-għan li juru xi possibbiltajiet.

It-tliet opinjonijiet[17] ippreżentati dwar id-dokument ta' Riflessjoni dwar l-isfruttar tal-globalizzazzjoni saħqu b'mod partikolari fuq l-importanza tal-ftehimiet kummerċjali fil-promozzjoni tal-impjiegi u t-tkabbir fl-Unjoni Ewropea, taċ-ċibersigurtà, u tal-ħolqien ta' ambjent tan-negozju li jistimula l-innovazzjoni, kif ukoll ir-rwol tal-fondi strutturali u ta' investiment biex jindirizzaw l-aspetti negattivi tal-globalizzazzjoni. Il-Kummissjoni rrispondiet dwar dawn il-kwistjonijiet u laqgħet il-fatt li l-parlamenti nazzjonali kienu qed japprezzaw l-isforzi li qed isiru fil-livell tal-Unjoni biex jiġu indirizzati l-opportunitajiet u l-isfidi tal-globalizzazzjoni u biex din tissawwar għall-benefiċċju taċ-ċittadini Ewropej.

Il-ħames opinjonijiet[18] ippreżentati dwar id-dokument ta' riflessjoni dwar l-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja kollha ġew minn Stati Membri li bħalissa mhumiex parti miż-żona tal-euro. Dawn semmew it-twaqqit tal-miżuri differenti indikati fid-dokument ta' riflessjoni, ir-riskju ta' distakk bejn l-Istati Membri li jinħoloq minn baġit għaż-żona tal-euro u l-ħtieġa li tiġi rrispettata l-integrità tas-suq intern, l-involviment tal-parlamenti nazzjonali kif ukoll diversi kwistjonijiet tekniċi. Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni b'mod partikolari ċċarat is-sekwenza tal-miżuri previsti f'żewġ fażijiet: waħda li tintemm fl-2019 u l-oħra fl-2025, issottolinjat l-impenn tagħha għall-unità tal-Unjoni Ewropea, u rreferiet għall-proposta tagħha li l-Istati Membri li għadhom ma adottawx l-euro jingħataw l-assistenza teknika u finanzjarja meħtieġa biex tippermettilhom jagħmlu dan, biex b'hekk igawdu bis-sħiħ mill-benefiċċji tas-sħubija fl-Unjoni.

Ġew ippreżentati erba' opinjonijiet[19] fuq id-dokument ta' riflessjoni dwar il-ġejjieni tad-difiża Ewropea. Dawn saħqu fuq il-komplementarjetà bejn l-Unjoni Ewropea u n-NATO u esprimew xi tħassib dwar l-aċċess tal-Fond Ewropew għad-Difiża u l-finanzjament tiegħu. Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni qablet li d-duplikazzjoni man-NATO għandha tiġi evitata u spjegat li l-programmi u l-għodod żviluppati taħt il-Fond Ewropew għad-Difiża jkunu inklużivi u miftuħin għall-parteċipazzjoni ta' benefiċjarji mill-Istati Membri kollha, inklużi intrapriżi żgħar u medji, u li mhux se jaffettwaw ħażin il-programmi eżistenti.

L-erba' opinjonijiet[20] dwar id-dokument ta' riflessjoni dwar il-futur tal-finanzi tal-UE kien fihom fehmiet jew suġġerimenti dettaljati dwar bosta aspetti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali futur, bħan-nefqa, id-dħul, ix-xejra ġenerali u l-volum, kif ukoll dwar it-tul ta' żmien preferut tal-parlamenti nazzjonali ta' dan il-qafas finanzjarju pluriennali. Xi parlamenti nazzjonali enfasizzaw ukoll il-komplementarjetà tal-baġits Ewropej u nazzjonali biex jinkisbu riżultati ta' importanza għaċ-ċittadini Ewropej kollha. Il-Kummissjoni laqgħet dawn il-kontribuzzjonijiet biex tużahom hija u tħejji l-proposti tagħha ta' Mejju 2018 għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.

- *Il-pakkett "Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha"*

Kif imħabbar fl-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija tagħha, fit-30 ta' Novembru 2016 il-Kummissjoni ppreżentat pakkett dwar l-Enerġija Nadifa għall-Ewropej Kollha, li huwa

17 Il-*Poslanecká sněmovna* Ċeka, il-*Camera Deputaților* Rumena, ir-*Riksdag* Svediż.

18 Il-*Poslanecká sněmovna* Ċeka, is-*Senát* Ċek , il-*Camera Deputaților* Rumena, is-*Sendag* Svediż , ir-*Riksdag* Svediż

19 Is-*Senát* tar-Repubblika Ċeka , is-*Senato Della Repubblica* Taljan, il-*Camera Deputaților* Rumena, ir-*Riksdag* Żvediż.

20 Is-*Senát* Ċek , il-*Camera Deputaților* Rumena, is-*Senat* Rumen, ir-*Riksdag* Żvediż.

magħmul minn Komunikazzjoni[21] u tmien proposti leġiżlattivi[22], li erbgħa minnhom huma marbutin mal-provvista tal-elettriku. Il-miżuri proposti mill-Kummissjoni għandhom l-għan li jaċċelleraw, jittrasformaw u jikkonsolidaw it-tranżizzjoni tal-ekonomija tal-Unjoni għall-enerġija nadifa, biex b'hekk jinħolqu l-impjiegi u t-tkabbir f'setturi ekonomiċi u mudelli kummerċjali ġodda. Il-proposti fil-pakkett ikopru kwistjonijiet bħall-effiċjenza fl-enerġija, l-enerġija rinnovabbli, id-disinn tas-suq tal-elettriku, is-sigurtà tal-provvista tal-elettriku u r-regoli tal-governanza għall-Unjoni tal-Enerġija. Barra minn hekk, il-Kummissjoni pproponiet triq ġdida 'l quddiem għall-ekodisinn kif ukoll strateġija għall-mobilità konnessa u awtomatizzata.

Fl-2017, il-parlamenti nazzjonali ppreżentaw total ta' 62 opinjoni[23], fosthom 19-il opinjoni motivata[24], dwar dokumenti individwali fil-pakkett. Filwaqt li koprew firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, il-maġġoranza tal-opinjonijiet esprimew appoġġ għall-proposti tal-pakkett. Ħlief għat-tħassib dwar is-sussidjarjetà espress b'mod partikolari dwar il-proposta dwar is-suq intern tal-elettriku, il-kmamar parlamentari ffukaw fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata distribuzzjoni ġusta bejn l-Istati Membri bil-ħsieb li tintlaħaq il-mira tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli, l-allegata interferenza tal-proposta dwar l-enerġija rinnovabbli mal-libertà tal-Istati Membri li jagħżlu t-taħlita tal-enerġija tagħhom u l-kontribuzzjonijiet nazzjonali biex tintlaħaq il-mira tal-UE. Tħassib ieħor mill-kmamar kien relatat mas-setgħat attribwiti lill-Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija, il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet propost fil-Bord tar-Regolaturi tal-Aġenzija, u qajmu dubji dwar l-istabbiliment ta' ċentri operattivi reġjonali fis-suq intern tal-elettriku. Xi kmamar esprimew ukoll tħassib dwar l-obbligi imposti fuq is-sidien u l-inkwilini bil-proposta għal Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni wieġbet għall-argumenti differenti mill-parlamenti nazzjonali u ċaħdet l-argument li xi proposta mill-pakkett kienet se timmina l-prerogattiva tal-Istati Membri li jiddeċiedu dwar it-taħlita tal-enerġija tagħhom. Fir-rigward tal-proposta dwar l-effiċjenza enerġetika, il-Kummissjoni kkonfermat li l-proposta kienet imfassla biex l-Istati Membri jkollhom biżżejjed flessibbiltà biex idaħħlu fis-seħħ miżuri li jippermettu iktar użu ta' enerġija rinnovabbli fis-settur. Fir-rigward taċ-ċentri operattivi reġjonali, il-Kummissjoni ddikjarat li kien meħtieġ li jiġu stabbiliti entitajiet reġjonali li jaġixxu fl-interess tar-reġjun sħiħ biex jiġi evitat li jiġu applikati soluzzjonijiet ineffiċjenti fil-livell reġjonali minħabba nuqqas ta' ftehim bejn operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni.

- *Il-pakkett dwar is-servizzi*

---

21 Komunikazzjoni "Enerġija Nadifa għall-Ewropej Kollha" {COM(2016) 860 final).

22 Proposta għal Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija {COM(2016) 759); proposta għal Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija riveduta {COM(2016) 761 final); proposta għal Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija riveduta (COM(2016) 765 final); proposta għal riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (COM(2016) 767 final); proposta għal riformulazzjoni tad-Direttiva dwar is-Suq Intern tal-Elettriku (COM(2016) 861 final); proposta għal Regolament dwar it-tħejjija għar-riskji fis-settur tal-elettriku u li jħassar id-Direttiva dwar is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija (COM (2016) 862 final); proposta għal riformulazzjoni tar-Regolament li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (COM (2016) 863 final); u proposta għal riformulazzjoni tar-Regolament dwar regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku (COM(2016) 864 final).

23 Opinjonijiet mill-*Bundesrat* Awstrijak (4 opinjonijiet), is-*Senát* Ċek (3 opinjonijiet), il-*Poslanecká sněmovna* Ċeka (5 opinjonijiet), is-*Sénat* Franċiż (4 opinjonijiet), il-*Bundesrat* Ġermaniż (4 opinjonijiet), il-*Bundestag* Ġermaniż (2 opinjonijiet), il-*Congreso de los Diputados/Senato* Spanjol (4 opinjonijiet), il-*Folketing* Daniż (opinjoni waħda), l-*Eerste Kamer* Netherlandiż (opinjoni waħda), it-*Tweede Kamer* Netherlandiż (opinjoni waħda), is-*Senato Della Repubblica* Taljan (3 opinjonijiet), il-*Camera Dei Deputati* Taljana (7 opinjonijiet), l-*Országgyűlés* Ungeriż (2 opinjonijiet), is-*Senat* Pollakk (3 opinjonijiet), is-*Sejm* Pollakk (2 opinjonijiet), l-*Assembleia da República* Portugiża (5 opinjonijiet), is-*Senat* Rumen (4 opinjonijiet), il-*Camera Deputaților* Rumena (4 opinjonijiet), in-*Národná rada* Slovakka (3 opinjonijiet) u r-*Riksdag* Żvediż (opinjoni waħda).

24 Għall-informazzjoni dwar l-opinjonijiet motivati dwar il-pakkett ara r-Rapport Annwali tal-2017 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, COM(2018) 490, taqsima 3.1.

Fl-10 ta' Jannar 2017, bħala parti mill-pjan ta' direzzjoni stipulat fl-Istrateġija tas-Suq Uniku, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposti tal-pakkett dwar is-servizzi, bl-għan li jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tas-Suq Uniku. Il-Pakkett dwar is-Servizzi jinkludi Komunikazzjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet għar-riforma għar-regolamentazzjoni tas-servizzi professjonali[25] u erba' inizjattivi leġiżlattivi: proposta għal Regolament li jintroduċi e-Card Ewropea tas-servizzi, proposta għal Direttiva dwar il-qafas ġuridiku u operattiv tal-e-Card Ewropea tas-servizzi, proposta għal Direttiva dwar test tal-propozjonalità qabel l-adozzjoni ta' regolament ġdid dwar il-professjonijiet u proposta għal Direttiva dwar in-notifika mtejba ta' liġijiet nazzjonali abbozzati dwar is-servizzi[26]. Filwaqt li l-proposti għal e-card għandhom l-għan li jagħmluha iktar faċli għall-fornituri tas-servizzi li jkunu konformi mal-formalitajiet amministrattivi, il-proposti għal proċedura ta' notifika riveduta u għal analiżi tal-proporzjonalità għandhom l-għan li jiżguraw li l-miżuri ġodda introdotti mill-Istati Membri jkunu konformi mad-dritt tal-Unjoni u li jqisu l-esperjenzi u l-aħjar prattiki minn Stati Membri oħra. Il-proposti kollha jiffukaw fuq li jiżguraw li r-regoli eżistenti tal-UE fil-qasam tas-servizzi jiġu applikati aħjar, peress li l-evidenza turi li jekk dawn jiġu implimentati sal-potenzjal sħiħ tagħhom l-ekonomija tal-UE tingħata spinta qawwija.

Fl-2017, il-parlamenti nazzjonali ssottomettew total ta' 22 opinjoni dwar il-pakkett kollu kemm hu inkella dwar xi wħud mill-proposti tiegħu. Fost dawn kien hemm 14-il opinjoni motivata[27]. Ħlief għal dawn tal-aħħar, il-biċċa l-kbira tal-parlamenti nazzjonali qablu mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li l-libertà li jiġu pprovduti servizzi trid tiġi ffaċilitata aktar, li l-burokrazija trid titnaqqas u li s-suq uniku Ewropew irid ikompli jiġi approfondit. Ġie espress tħassib li mhuwiex ġustifikabbli li, bl-intenzjoni li tingħata spinta lill-attività ekonomika, jitneħħew l-ostakli legali għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' professjonisti u għall-istabbiliment ta' kumpaniji, għax tali miżuri jipperikolaw l-eżistenza ta' ċerti professjonijiet u setturi, minħabba l-ispeċifiċità tagħhom.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni spjegat li kważi 50 miljun ruħ — 22 % tal-forza tax-xogħol Ewropea — kienu jaħdmu fi professjonijiet li l-aċċess għalihom kien jiddependi fuq kwalifiki speċifiċi, jew li inkella l-użu ta' titlu speċifiku għalihom huwa protett, pereżempju spiżjar jew perit. Ir-regolamentazzjoni tkun meħtieġa għal għadd ta' professjonijiet, pereżempju dawk b'rabta mas-saħħa u mas-sigurtà pubbliċi. Madankollu, regoli antikwati li joħolqu piżijiet għalxejn jistgħu joħolqu ostakli għall-mobilità tal-professjonisti u għall-kandidati kkwalifikati biex ikollhom aċċess għal dawn l-impjiegi, li huwa wkoll għad-detriment tal-konsumaturi.

- *Il-pakkett dwar il-mobilità "Europe on the Move"*

Fil-31 ta' Mejju 2017, il-Kummissjoni ppreżentat "Pakkett dwar il-mobilità" dwar it-trasport bit-triq, li jikkonsisti minn tmien proposti leġiżlattivi[28], imfasslin biex itejbu l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-settur, il-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-sewwieqa kif ukoll is-sikurezza fit-toroq, biex inaqqsu l-emissjonijiet u r-riperkussjonijiet negattivi tat-trasport bit-triq, biex ir-regoli eżistenti jiġu ssimplifikati u ċċarati, biex l-infurzar isir aktar effiċjenti u biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi.

[25] COM(2016) 820 tal-10 ta' Jannar 2017.

[26] COM(2016) 824, COM(2016) 823, COM(2016) 822, u COM(2016) 821 tal-10 ta' Jannar 2017 rispettivament.

[27] Għal aktar informazzjoni ara r-Rapport Annwali dwar is-Sussidjarjetà u l-Proporzjonalità, il-punt 3.2.

[28] Proposti rigward it-tariffi tat-toroq (Proposta għal Direttiva, COM (2017) 275 final), it-tassazzjoni tal-vetturi (Proposta għal Direttiva, COM (2017) 276 final), ir-regoli soċjali għax-xufiera (Proposta għal Regolament COM (2017) 277 final), l-istazzjonar tax-xufiera, (Proposta għal Direttiva, COM (2017) 278 final), il-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet tad-CO_2 (Proposta għal Regolament, COM (2017) 279 final), l-interoperabbiltà tas-sistemi elettroniċi ta' pedaġġ (Proposta għal Direttiva, COM (2017) 280 final), l-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq (Proposta għal Regolament, COM (2017) 281 final) u l-qafas għall-użu ta' vetturi tal-merkanzija mikrijin (Proposta għal Direttiva, COM (2017) 282 final).

Fl-2017, il-parlamenti nazzjonali ppreżentaw 21 opinjoni b'kollox[29], fosthom żewġ opinjonijiet motivati[30], sew fuq il-pakkett kollu kemm hu, inkella dwar xi proposti tiegħu. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-parlamenti nazzjonali appoġġaw l-objettivi tal-pakkett, kien hemm xi wħud li esprimew tħassib dwar il-parti tal-pakkett li tirrigwarda r-regoli soċjali għas-sewwieqa, filwaqt li oħrajn dwar il-liberalizzazzjoni tal-kabotaġġ. Kien hemm ukoll xi tħassib dwar it-tnaqqis tal-awtonomija tal-Istati Membri u d-diskrezzjoni ta' politika dwar it-tariffi għall-użu tat-toroq.

Fit-tweġibiet tagħha għat-tħassib speċifiku espress, il-Kummissjoni enfasizzat il-koerenza tal-pakkett u saħqet b'mod partikolari dwar l-importanza ta' regoli soċjali adegwati (speċjalment kundizzjonijiet għas-serħan) għas-sikurezza fit-toroq, u ta' approċċ bilanċjat bejn il-ħarsien tad-drittijiet tas-sewwieqa għal paga adegwata u l-ħtieġa li jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Spjegat ukoll li f'dak li jirrigwarda l-kabotaġġ, il-proposti la għandhom l-għan li jiftħu s-suq u lanqas li jgħalquh meta mqabbel ma' kif inhu issa, iżda li jillaxkaw l-infurzar u li ma jillimitawx il-marġni ta' manuvrar tal-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni.

d. Opinjonijiet fuq inizjattiva proprja konġunti

Fl-2017, il-Kummissjoni rċeviet erba' opinjonijiet fuq inizjattiva proprja konġunti minn parlamenti nazzjonali, fil-biċċa l-kbira marbutin ma' kwistjonijiet istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea.

L-opinjoni fuq inizjattiva proprja ffirmata minn **26 parlament/kamra dwar it-trasparenza tat-teħid politiku ta' deċiżjonijiet fl-UE**[31] (li segwiet preżentazzjoni fil-laqgħa plenarja tal-Konferenza tal-Kumitati għall-Affarijiet Ewropej mit-*Tweede Kamer* Netherlandiża) argumentat b'mod partikolari li d-dokumenti leġiżlattivi tal-Kunsill għandhom isiru pubbliċi mingħajr dewmien, u li l-Kunsill għandu jadotta regoli speċifiċi dwar ir-rapportar dwar deliberazzjonijiet leġislattivi, u li l-laqgħat informali tal-Kunsill Ewropew jew tal-Kunsill (bħal meta ssir laqgħa tal-UE 27 fil-format Brexit) u l-laqgħat tal-grupp tal-Euro għandhom jiġu formalizzati, inkluż billi jiġi applikat ir-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess għad-dokumenti internament.

Fit-tweġiba tagħha, il-Kummissjoni spjegat li t-titjib tat-trasparenza huwa fost l-ogħla prijoritajiet tagħha, kif diġà tqiegħed fis-seħħ permezz ta' bosta inizjattivi u passi li ttieħdu biex jinfetaħ il-proċess ta' tħejjija leġiżlattiva u biex isir iktar trasparenti. Hija ħeġġet l-isforzi favur iktar trasparenza fil-proċess leġiżlattiv u tat l-appoġġ tagħha lil kwalunkwe miżura li tista' tiġi deċiża mill-koleġiżlaturi f'dan ir-rigward.

Opinjonijiet konġunti oħrajn fuq inizjattiva proprja li waslu fl-2017 kienu:

- żewġ opinjonijiet iffirmati minn sitt parlament/kmamar tal-pajjiżi tal-Grupp ta' Visegrad, li kien fihom il-konklużjonijiet tal-laqgħat konġunti tal-Kumitati dwar l-Affarijiet Ewropej tagħhom dwar **it-tisħiħ tar-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-UE**, **il-Brexit**, **il-Ġejjieni tal-Ewropa**, u dwar il-kwistjoni ta' **aktar minn xiber wieħed fil-kwalità tal-ikel**.

- Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-futur **tal-Politika Agrikola Komuni** għall-2020, iffirmata mis-*Sénat* Franċiż, mid-*Dáil* Irlandiż, mis-*Senato della Repubblica* Taljan u mis-*Senat* Pollakk.

---

29 Opinjonijiet mill-*Bundesrat* Awstrijak (2 opinjonijiet), is-*Senát* Ċek (2 opinjonijiet), il-*Poslanecká sněmovna* Ċeka (opinjoni waħda), is-*Sénat* Franċiż(opinjoni waħda), it-*Tweede Kamer* Netherlandiż (opinjoni waħda), is-*Senato Della Repubblica* Taljan (opinjoni waħda), l-*Országgyűlés* (1 opinion) Ungeriż, is-*Senat* Pollakk (3 opinjonijiet), l-*Assembleia da República* Portugiża (2 opinjonijiet), is-*Senat* Rumen (7 opinjonijiet).

30 Mill-*Bundesrat* Awstrijak dwar COM (2017) 275 u s-*Senat* Pollakk dwar COM (2017) 278.

31 Ara: http://ec.europa.eu/dgs/secretariat_general/relations/relations_other/npo/docs/netherlands/own_initiative/oi_transparency_of_political_decision_making_in_the_eu/oi_transparency_of_political_decision_making_in_the_eu_tweedekamer_opinion_en.pdf

3. IR-RWOL TAL-PARLAMENTI REĠJONALI

Il-parlamenti reġjonali jikkontribwixxu indirettament għar-relazzjonijiet tal-Kummissjoni mal-parlamenti nazzjonali. Skont il-Protokoll 2 tat-Trattati dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, meta titwettaq il-verifika tas-sussidjarjetà ta' abozzi ta' atti leġiżlattivi tal-UE sabiex jinħarġu opinjonijiet motivati, il-parlamenti nazzjonali għandhom jikkonsultaw, fejn xieraq, il-parlamenti reġjonali b'setgħat leġiżlattivi[32]. Il-membri tal-parlament reġjonali huma wkoll rappreżentati fil-Kumitat tar-Reġjuni, li jwettaq attivitajiet ta' monitoraġġ permezz tan-Netwerk għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà u l-pjattaforma online tagħha iddisinjata biex tappoġġja l-parteċipazzjoni tal-parlamenti reġjonali b'setgħat leġiżlattivi fil-mekkaniżmu ta' twissija bikrija dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità (REGPEX). L-attività relatata mal-kontroll tas-sussidjarjetà tal-Kumitat tar-Reġjuni hija deskritta f'aktar dettall fir-Rapport Annwali tal-2017 dwar is-Sussidjarjetà u l-Proporzjonalità.

Fl-2017, mis-66 kontribuzzjoni li ġew ippreżentati b'kollox mis-sħab REGPEX, 30 ġew mill-parlamenti reġjonali. L-iktar parlamenti reġjonali attivi kienu l-Assemblea Leġiżlattiva tal-Emilja-Romanja (disa' opinjonijiet) u l-Parlament tal-Istat ta' Thüringen seba' opinjonijiet). Il-proposti li rċevew l-ogħla għadd ta' reazzjonijiet mill-parlamenti reġjonali kienu l-pakkett dwar is-servizzi (ħamsa) u l-proposta dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u dawk li jindukraw (tlieta).

Għalkemm ma hemm l-ebda dispożizzjoni espliċita fit-Trattati għall-interazzjoni diretta bejn il-Kummissjoni u l-parlamenti reġjonali, bosta parlamenti reġjonali, b'mod partikolari parlamenti tal-istat fl-Awstrija u l-Ġermanja, issottomettew għadd ta' opinjonijiet lill-Kummissjoni fl-2017 biex jikkummentaw dwar is-sussidjarjetà kif ukoll dwar aspetti ta' politika ta' bosta proposti tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ħadet nota tal-aspetti kollha mqajma u ġeneralment indirizzathom fit-tweġibiet tagħha lill-parlamenti reġjonali.

Wara d-"Dikjarazzjoni ta' Heiligendamm"[33] tal-2015, il-firmatarji tagħha adottaw żewġ dikjarazzjonijiet fl-2017. Fid-"Dikjarazzjoni ta' Feldkirch"[34] tat-13 ta' Ġunju 2017, il-Presidenti tal-parlamenti Ġermaniżi u Awstrijaki b'setgħat leġiżlattivi[35] jissottolinjaw ir-rwol importanti tal-parlamenti reġjonali fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni u biex ikun hemm konnessjoni maċ-ċittadini tal-Unjoni. Dawn jikkommettu li jsaħħu d-djalogu mal-istituzzjonijiet Ewropej u jappellaw lill-istituzzjonijiet Ewropej biex jinvolvu lill-parlamenti reġjonali fid-dibattiti tagħhom (inkluż dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa), fost l-oħrajn billi jtuhom dokumenti bil-Ġermaniż.

L-istess grupp adotta d-"Dikjarazzjoni ta' Brussell"[36] tiegħu fl-okkażżjoni tal-konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa li saret f'Novembru 2017 fi Brussell, li fiha l-Kap tal-Kabinett tal-President Juncker ħa sehem u spjega dwar ix-xogħol tal-Kummissjoni dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa, is-sussidjarjetà, u l-proporzjonalità. Id-dikjarazzjoni ta' Brussell tenfasizza l-ħtieġa

---

[32] L-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, tal-Protokoll Nru 2 dwar l-Applikazzjoni tal-Prinċipji tas-Sussidjarjetà u l-Proporzjonalità.

[33] "Id-Dikjarazzjoni ta' Heiligendamm" tas-16 ta' Ġunju 2015 ġiet adottata b'mod konġunt mill-presidenti tal-Parlamenti tal-Istati Ġermaniżi u Awstrijaċi u tal-Parlament tal-Istat tat-Tirol tan-Nofsinhar. Id-dikjarazzjoni titlob għal inklużjoni akbar tal-parlamenti reġjonali b'setgħat leġiżlattivi fis-superviżjoni u l-iskrutinju tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u titlob li r-riżoluzzjonijiet adottati mill-parlamenti reġjonali b'setgħat leġiżlattivi fl-ambitu tas-sistema ta' twissija bikrija tas-sussidjarjetà jissemmew mill-Kummissjoni Ewropea f'dokumenti uffiċjali bħar-Rapporti Annwali tagħha dwar is-Sussidjarjetà u l-Proporzjonalità u dwar ir-Relazzjonijiet mal-parlamenti nazzjonali.

[34] https://www.bayern.landtag.de/aktuelles/presse/pressemitteilungen/pressemitteilungen-2017/landtagspraesidentenkonferenz-verabschiedet-europapolitische-erklaerung-von-feldkirch-barbara-stamm-gesetzgebende-regionen-staerker-in-bruessel-einbinden/

[35] Il-parlament tal-istat tat-Tirol tan-Nofsinhar u l-president tal-komunità li titkellem bil-Ġermaniż tal-Belġju wkoll ħadu sehem.

[36] http://www.pdg.be/PortalData/34/Resources/dokumente/diverses/Bruesseler_Erklaerung.pdf

għar-rispett strett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u tissuġġerixxi tibdil fil-proċedura ta' skrutinju tas-sussidjarjetà, fosthom estensjoni tal-perjodu ta' skrutinju ta' tmien ġimgħat u tnaqqis fil-livell limitu biex jiġu skattati l-karti "sofor" u "oranġjo". Din tipproponi li l-ġejjieni tal-Ewropa ma jiġix diskuss f'termini astratti iżda b'rabta ma' politiki konkreti, u telenka għadd ta' oqsma li fihom tara' valur miżjud ċar fil-livell tal-Unjoni. Id-dikjarazzjoni tappella wkoll għat-tisħiħ istituzzjonali tal-korpi leġiżlattivi fil-livell sottonazzjonali (fost l-oħrajn permezz tat-tisħiħ tar-rwol tal-Kumitat tar-Reġjuni) u r-rwol imsaħħaħ tagħhom fil-proċessi konsultattivi tal-Kummissjoni.

Il-President Juncker, fid-Diskors tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni tat-13 ta' Settembru 2017, issottolinja r-rwol importanti tal-parlamenti nazzjonali *u* reġjonali fil-kuntest tal-ftehimiet kummerċjali, u saħaq li dawn iridu jiġu infurmati bis-sħiħ mil-bidu tan-negozjati, l-istess kif jiġu aġġornati l-Membri tal-Parlament Ewropew.

Iltaqa' wkoll ma' rappreżentanti ta' bosta gvernijiet u parlamenti reġjonali matul is-sena, inklużi ta' Baden-Württemberg, tas-Sassonja t'Isfel, tas-Sassonja, ta' Thüringen (fil-Ġermanja), l-Awstrija ta' Fuq, it-Tirol (fl-Awstrija), il-Pajjiż Bask, il-Komunità Awtonoma ta' Valenzja (fi Spanja), il-Komunità Franċiża tal-Belġju u Île de France (fi Franza). Membri oħrajn tal-Kummissjoni kellhom laqgħat simili ma' gvernijiet u parlamenti reġjonali mill-Belġju, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, l-Awstrija u Spanja.

Mappa: L-għadd totali ta' żjarat u laqgħat tal-Membri tal-Kummissjoni ma' parlamenti nazzjonali fl-2017: 215


Chambre des représentants | Kamer van volksvertegenwoordigers 5
Sénat de Belgique | Belgische Senaat 1
Riksdag 8
Eduskunta 10
Riigikogu 11
Saeima 3
Folketinget 7
Seimas 13
Houses of the Oireachtas 7
0 House of Commons
0 House of Lords
Tweede Kamer 2
Eerste Kamer 1
Bundestag 14
Bundesrat 1
Sejm 3
Senat 1
Poslanecká sněmovna 4
Senát 5
Chambre des Députés 5
7 Assemblée nationale
2 Sénat
Národná rada 4
1 Bundesrat
2 Nationalrat
Országgyűlés 4
7 Državni zbor
0 Državni svet
Hrvatski sabor 7
Camera Deputaților 12
Senat 10
Народно събрание 5
(Narodno sabranie)
Camera dei Deputati 7
Senato della Repubblica 7
Congreso de los Diputados 11
Senado 9
Assembleia da República 6
Βουλή των Ελλήνων 7
(Vouli ton Ellinon)
Kamra tad-Deputati 1
5 Βουλή των Αντιπροσώπων
(Vouli ton Antiprosopon)

4. KUNTATTI U ŻJARAT BILATERALI

Bħal fis-snin preċedenti, fl-2017 il-Membri tal-Kummissjoni żaru kważi l-parlamenti nazzjonali kollha. Bosta kmamar irċevew aktar minn żjara waħda mill-President Juncker, mill-ewwel Viċi President Timmermans, mill-Viċi Presidenti jew mill-Kummissarji. Barra minn hekk, għadd ta' parlamenti nazzjonali bagħtu delegazzjonijiet fi Brussell biex jiltaqgħu mal-Membri tal-Kummissjoni. B'kollox fl-2017 saru iktar minn 190 żjara u laqgħa. Barra minn hekk, il-Kap Negozjatur inkarigat mit-tmexxija tat-Task Force tal-Kummissjoni għat-Tħejjija u għat-Tmexxija tan-Negozjati mar-Renju Unit skont l-Artikolu 50 tat-TUE, Michel Barnier, iltaqa' ma' għadd ta' parlamenti nazzjonali biex jgħarrafhom dwar in-negozjati. Matul l-2017, uffiċjali tal-Kummissjoni, l-iktar f'livell għoli, attendew aktar minn 80 laqgħa tal-kumitati tal-parlamenti nazzjonali sabiex jiddiskutu proposti leġiżlattivi fuq livell aktar tekniku. Barra minn hekk, l-uffiċjali tal-Kummissjoni kienu mistiedna jippreżentaw inizjattivi ewlenin jew suġġetti importanti bħall-Brexit fi 18-il laqgħa tar-rappreżentanti permanenti tal-parlamenti nazzjonali bbażati fi Brussell. Barra minn hekk, l-Uffiċjali tas-Semestru Ewropew, li huma bbażati fir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Istati Membri, baqgħu f'kuntatt mal-parlamenti nazzjonali dwar is-Semestru Ewropew u kwistjonijiet ekonomiċi oħra.

5. LAQGĦAT U KONFERENZI EWLENIN

Il-Kummissjoni kompliet tinteraġġixxi mal-parlamenti nazzjonali tul l-2017 billi attendiet għal laqgħat u konferenzi interparlamentari importanti[37], fosthom il-Konferenza tal-Kumitati għall-Affarijiet Ewropej (COSAC)[38], il-Konferenza tal-Presidenti tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea, il-Ġimgħa Parlamentari Ewropea[39], il-Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza[40] u l-Konferenzi Interparlamentari għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u l-Politika Ewropea ta' Sigurtà u Difiża (PESK/PESD)[41].

Konferenza tal-Kumitati għall-Affarijiet Ewropej (COSAC)

Il-Kummissjoni kienet irrappreżentata fil-laqgħat tal-COSAC tal-2017 u tat risposta bil-miktub għall-kontribuzzjonijiet adottati mill-COSAC fiż-żewġ laqgħat plenarji tiegħu matul is-sena[42]. Fil-laqgħa tal-Presidenti ta' COSAC li saret fil-Belt Valletta fit-23 ta' Jannar 2017, li għaliha attenda l-ewwel Viċi President tal-Kummissjoni, id-delegati ddiskutew il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2017 u l-isfidi marbutin mal-Brexit u modi biex issir reazzjoni għal dak li jidher li hu nuqqas ta' fiduċja ta' bosta ċittadini fil-proġett Ewropew .

---

37 Għal iktar dettalji dwar dawn il-laqgħat, ara r-Rapport tal-Parlament Ewropew dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali skont it-trattat ta' Lisbona għall-2017: http://www.europarl.europa.eu/relnatparl/en/about/annual-reports.html

38 Il-COSAC huwa l-uniku forum interparlamentari mnaqqax fit-Trattati, fil-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea. Il-Kumitat iltaqa' darbtejn f'kull Stat Membru li kellu l-presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-2017. Il-Kummissjoni għandha status ta' osservatur fil-COSAC.

39 Il-Ġimgħa Parlamentari Ewropea, li saret fil-Parlament Ewropew fit-30 ta' Jannar u l-1 ta' Frar 2017, ġiet indirizzata minn Valdis Dombrovskis, il-Viċi President tal-Kummissjoni għall-Euro u d-Djalogu Soċjali u Pierre Moscovici, il-Kummissarju għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, it-Tassazzjoni u d-Dwana. Aktar informazzjoni: http://www.europarl.europa.eu/relnatparl/en/conferences/european-parliamentary-week.html

40 Din il-konferenza, li saret bejn it-30 u l-31 ta' Ottubru 2017 f'Tallinn, kienet indirizzata minn Valdis Dombrovskis, il-Viċi President tal-Kummissjoni għall-Euro u d-Djalogu Soċjali u Günther Oettinger, Membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-Baġit u r-Riżorsi Umani. Aktar informazzjoni: http://www.ipex.eu/IPEXL-WEB/conference/getconference.do?id=082dbcc55d1a225d015d1c0237bc00f5

41 L-għaxar u l-ħdax-il sessjoni konġunta ta' dawn il-konferenzi saru bejn is-26 u t-28 ta' April 2017 fil-Belt Valletta u bejn is-7 u d-9 ta' Settembru 2017 f'Tallinn rispettivament. Ir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni Federica Mogherini attendiet it-tnejn li huma. Aktar informazzjoni: http://www.ipex.eu/IPEXL-WEB/conference/getconference.do?id=082dbcc55898c90b01589adfe78c014b u http://www.ipex.eu/IPEXL-WEB/conference/getconference.do?id=082dbcc55d0fd5e3015d12272613017c

42 Is-sit web tal-COSAC, http://www.cosac.eu/en/ fih rapporti dettaljati tal-laqgħat tal-COSAC kif ukoll kopji tal-kontribuzzjonijiet tal-COSAC u r-risposti tal-Kummissjoni għalihom.

Is-LVII laqgħa plenarja tal-COSAC f'Mejju 2017, li ukoll attenda għaliha l-ewwel Viċi President, kompliet id-dibattitu dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali u dwar kif iktar trasparenza mill-Kunsill u l-Parlament fuq l-eżempju tal-Kummissjoni jista' jkollha rwol biex treġġa' lura l-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet tal-UE. Taħditiet oħrajn kienu ffukati fuq is-sitwazzjoni attwali tal-Brexit, bis-sehem tal-Kap Negozjatur tal-Kummissjoni, u fuq Politika Marittima Integrata tal-UE iktar sostenibbli.

Il-laqgħa tal-Presidenti tal-COSAC li saret f'Tallin (l-Estonja) fl-10 ta' Lulju 2017 tat forum għad-diskussjoni dwar il-prijoritajiet tal-Presidenza Estonjana. Iddiskuta wkoll l-appoġġ tal-Unjoni għat-tkabbir ta' negozji ġodda u ta' negozji li qed jespandu.

Fit-LVIII laqgħa plenarja tiegħu bejn is-26 u t-28 ta' Novembru f'Tallinn, il-COSAC iddiskuta firxa ta' suġġetti fosthom il-Ġejjieni tal-Unjoni Ewropea, b'enfasi speċjali fuq il-konsegwenzi tal-Brexit, għal darb' oħra bis-sehem tal-Kap Negozjatur tal-Kummissjoni. Fela wkoll kif il-parlamenti nazzjonali jistgħu jaqsmu l-aħjar prattiki aħjar biex l-Unjoni Ewropea tinġieb eqreb għaċ-ċittadini tagħha. Saru dibattiti dwar is-Suq Uniku Diġitali b'enfasi partikolari fuq l-esperjenzi Estonjani fit-tranżizzjoni tal-pajjiż lejn ekonomija u amminstrazzjoni pubblika diġitali, kif ukoll dwar id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni. Sir Julian King, il-Kummissarju għall-Unjoni tas-Sigurtà, indika l-inizjattivi attwali tal-Unjoni f'dan il-qasam. Barra minn hekk, ġie diskuss is-sehem tal-parlamenti nazzjonali fit-Task Force għas-sussidjarjetà, għall-proporzjonalità u biex "Isir Inqas b'Iktar Effiċjenza".

Konferenza tal-Presidenti tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea

Il-Konferenza tal-Presidenti tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea[43] saret fi Bratislava fl-24 u l-25 ta' April 2017. Fid-diskors prinċipali tiegħu lill-konferenza, il-Viċi President Katainen ħeġġeġ bis-saħħa lill-parlamenti nazzjonali biex jinteraġġixxu maċ-ċittadini tagħhom u biex jaqsmu l-fehmiet tagħhom dwar il-White Paper dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa. Il-konferenza adottat il-modalitajiet finali tal-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt dwar l-Europol. Il-grupp, li huwa magħmul minn membri tal-parlamenti nazzjonali u tal-Parlament Ewropew u li għandu l-għan li jiżgura l-iskrutinju demokratiku xieraq tal-attivitajiet tal-Europol, kellu l-ewwel laqgħa tiegħu fid-9 ta' Ottubru 2017.

6. KONKLUŻJONIJIET U ASPETTATTIVI

Fid-djalogu politiku bejn il-Kummissjoni u l-parlamenti nazzjonali fl-2017, tkompliet ix-xejra tal-2016 ta' għadd kbir ta' opinjonijiet ippreżentati mill-parlamenti nazzjonali u l-laqgħat frekwenti bejnhom u l-membri tal-kulleġġ. Bħal snin preċedenti, l-għadd ta' opinjonijiet motivati (52) imqabblin mal-għadd totali ta' opinjonijiet ippreżentati (576) wera li l-parlamenti nazzjonali għadhom interessati li jinvolvu ruħhom fi kwistjonijiet li jmorru lil hinn mill-aspetti tas-sussidjarjetà tal-inizjattivi tal-Kummissjoni, u li jagħtu kontribut siewi dwar il-kontenut ta' dawn l-inizjattivi. Barra mill-involviment tagħhom f'inizjattivi fil-programmi annwali tal-Kummissjoni, il-parlamenti nazzjonali ffukaw fuq suġġetti orizzontali, b'mod partikolari r-riflessjoni dwar il-Ġejjieni ta' Unjoni Ewropea ta' 27, u dwar l-iktar sfidi importanti li qed taffaċċja l-Ewropa, bħas-sigurtà, il-kwistjonijiet ekonomiċi u l-konsegwenzi tal-Brexit. Fl-2017 rajna wkoll żieda fl-isforzi min-naħa tal-parlamenti nazzjonali biex jippreżentaw fehmiethom fl-opinjonijiet konġunti, li turi sforz akbar fil-koordinazzjoni tal-kontribut tagħhom għad-djalogu politiku mal-Kummissjoni.

F'Jannar 2018, it-Task Force għas-sussidjarjetà, għall-proporzjonalità u biex "Isir Inqas b'Iktar Effiċjenza" bdiet il-ħidma tagħha, bis-sehem ta' rappreżentanti tal-parlamenti nazzjonali u tal-Kumitat tar-Reġjuni. Din wasslet għal interess imġedded min-naħa tal-parlamenti nazzjonali u reġjonali li jiddibattu, ukoll fil-livell tal-COSAC, ir-rwol tagħhom fil-kontroll tas-sussidjarjetà u

[43] Il-konferenza ssir ta' kull sena fl-Istat Membru li jkollu l-presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fit-tieni nofs tas-sena ta' qabel. Għal-laqgħa tal-2017 ara http://www.ipex.eu/IPEXL-WEB/euspeakers/getspeakers.do?id=082dbcc55898c90b01589abbb37500fa

fi kwistjonijiet tal-UE b'mod iktar ġenerali, sabiex tiġi żgurata rabta ikbar bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u ċ-ċittadini tagħha. Eżaminat ukoll oqsma ta' politika li fihom, maż-żmien, it-teħid ta' deċiżjonijiet u/jew l-implimentazzjoni tagħhom jistgħu jiġu delegati bis-sħiħ jew parzjalment, jew jintraddu lura definittivament lill-Istati Membri, jew fejn il-leġiżlazzjoni eżistenti għandha tiġi rieżaminata jew saħansitra mħassra. Fir-rapport finali[44] li ġie ppreżentat lill-President Juncker fl-10 ta' Lulju 2018, għamlet proposti għal titjib fl-istruttura eżistenti biex jiġu involuti l-parlamenti nazzjonali u reġjonali u l-awtoritajiet reġjonali u lokali fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, u indikat titjib li jkun jeħtieġ tibdil fit-Trattati. Fl-isfond tar-riflessjonijiet u x-xenarji għal Unjoni Ewropea ta' 27 Stat Membru, u b'perspettiva għall-2025, il-Kummissjoni tat l-ewwel rispons għall-ħidma tat-Task Force f'Komunikazzjoni, adottata flimkien ma' dan ir-rapport[45], li fiha tinsab il-viżjoni tagħha għall-iżvilupp ulterjuri tar-relazzjonijiet bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Parlamenti nazzjonali sa tmiem l-2018.

[44] https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/report-task-force-subsidiarity-proportionality-doing-less-more-efficiently_1.pdf

[45] COM(2018)703.